MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Numru. 1036/2005

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT MARIO BONELLO**

**KONTRA**

**ANDREW FORMOSA**
**ta' 23 sena, bin Joseph u Helen nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar id-19 ta' Lulju, 1984, residenti fil-fond imsejjah 'Id-Dar', Triq Moroni, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0356484(M);**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzI kontra l-hawn fuq imsemmi Andrew Formosa li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-30 ta' Awwissu, 2005, ghall-habta tas-7.20pm, f'Tal-Pieta', dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat u cioe' dak ta' serq aggravat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt

ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u kieku sehh dan id-delitt kien ikun aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fil-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBE 804, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda anqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00), ghad-dannu ta' Antoine Chircop minn Tal-Pieta';

3. U kif ukoll talli huwa sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima datata 26 ta' Awwissu, 2003

In vista' ta' l-ammissjoni tieghu, issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara \li rat l-Artikolu 261, 263, 267, 270, 278, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 23 ta' l-istess.

Ikkunsidrat dak li xehed Cali dwar il-progress li ghamel l-akkuzat.
Ghalhekk qed terga' tqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghal tlitt (3) mill-lum, dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi qed tahtar ghal dan l-iskop lil *Probation Officer* Trevor Calafato. Il-*Probation Officer* ghandu jzomm kuntatt ma' Andrew Formosa u jaghtieh kull direttiva li jara xierqa b'mod specjali fil-konfront ta' abbuz ta' droga. Andrew Formosa ghandu jsegwi kull direttiva lilu hekk moghtija. Trevor Calafato ghandu jinforma lill-Qorti b'kull andament fin-negattiv ta' Formosa f'din l-Ordni ta' *Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------